MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 88/2005

**Melvin Borg (300683M)**

**Vs**

**Salvu Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' elfejn seba' mija u sitta u tletin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm2736.96) flimkien mal-VAT fuq l-istess somma, dovuti lilu ghal xoghol ta' kostruzzjoni resi lil konvenut fuq inkarigu tieghu, kif jirrizulta wkoll minn kitba debitament iffirmata u redatta bejniethom.

Bl-imghax fuq rata kummercjali (stante li si tratta ta' att ta' kummerc), mid-data tat-tlestija tax-xoghol sad-data ta' l-effettiv pagament. Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra

ufficjali ta’ Ottubru 2004. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 12 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija preskritta “ai termini” tal-artikoli 2148 u 2149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-konvenut ma ghandu jhallas xejn lill-attur u kwalunkwe xogholijiet li l-konvenut hadem fuq nkarigu tal-attur fil-passat thallas ghalihom ghas-saldu.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuta, dan qed jsostni illi l-azzjoni in esami hi preskritta a bazi tal-<u>artikolu 2148 u 2149</u> tal-Kodici Civili.

Illi l-artikolu 2148 citat jelenka <u>diversi azzjonijiet</u> preskritti bl-gheluq ta’ <u>tmintax-il (18) xahar</u> waqt li l-artikoli 2149 jaghmel l-istess izda b’perjodu ta’ preskrizzjoni bl-gheluq ta’ <u>sentejn</u>.

Illi. presumilment u minn natura tal-meritu trattat f’din l-kawza, l-konvenut kien qed jirreferi ghas-subinicizi (a) fejn hemm referenza ghal persuni kif hemm elenkati, li “…jahdmu sengha …” u ghal “…kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xogholijiet ohra ta’ … gebel …” rispettivament.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward din l-eccezzjoni, avolja l-attur kien inghata zmien bizzejjed sabiex jipproduci provi in konnessjoni ma’ din l-eccezzjoni (ara b’mod specjali fol 24, fol 26 u fol 27 ibid) izda tali provi ma’ gewx prodotti.

Ili, da parti tal-konvenut, xehed hu stess (fol 10 u fol 18 et seq ibid) u minn din ix-xhieda jirrisulta li l-istess konvenut jahdem fil-bini b'mod specjali "… nghamel konkos". Matul Awissu tal-2002, il-konvenut kien gie inkarigat, mill-attur sabiex jaghmel xoghol ta' kontrabejt fil-post indikat fl-istess xhieda u l-attur kien hallsu ta' dan ix-xoghol waqt li madwar sena' wara l-attur presenti kien ghamel xi lment dwar ix-xoghol esegwit mill-konvenut odjern. In rigward il-kaz in desamina, il-konvenut xehed illi "Qabel din il-bicca xoghol" il-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jesegwixxi xi xoghol ta' konkos. Dwar dan l-inkarigu, l-konvenut jsostni li l-attur kien thallas l-ammont kollu.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja nghad, l-attur ma' ressaq l-ebda prova sabiex jikkontrobatti l-eccezzjoni in esami. Difatti l-Qorti kienet tistenna illi l-attur jixhed u jipproduci b'mod specjali l-"kitba" u kopja legali tal-ittra ufficjali … ta' Ottubru 2004" tenut kont illi l-konvenut fl-ahhar tax-xhieda tieghu qal "Ma jidhirlix li jiena ircevejt xi ittra bil-Qorti minghand l-attur. Ghalhekk, hemm nuqqas totali ta' provi dwar jekk f'dan il-kaz kienx hemm xi kawza li ssospendiet jew impediet jew kissret it-trapass tal-perjodu ta' preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi hu minnu li l-konvenut ma ottemprax ma dak verbalizzat a fol 14 u 15 tal-atti. Pero' jidher mix-xhieda tal-konvenut u dan fuq bazi ta' probabilta, illi din l-azzjoni giet presentata wara l-perjodu massimu kif eccepit mill-konvenut cjoe wara l-perjodu ta' sentejn specifikat fl-artikolu 2149(a) hawn fuq citat.

Ghal dawn l-motivi, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni preliminari in esami u tiddikjara din l-azzjoni bhala estinta. In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------